KLR 17/VII/2014

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa 8 t'April 2014 fis-19.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ u Marċel Tabone, is-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard u l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Beppe Galea.

SKUŻATI:- il-Viċi Sindku Josef Schembri u l-membru Anthony Briffa.

**1. Talba u approvazzjoni tal-minuti**

Intqalet it-talba. Is-Sindku ntroduċa l-laqgħa billi suġġerixxa li tinkiteb ittra ta' ringrazzjament lill-Onor. Hose' Herrera u ittra ta' awguri lill-Onor. Stefan Buontempo talli ġie maħtur bħala Segretarju Parlamentari għal-Gvern Lokali. Il-membri qablu. Is-Sindku għarraf lill-membri li l-President il-ġdid l-E.T. Mary Lousie Coleiro Preca żaret ir-Rabat nhar is-Sibt 5 ta'April 2014 filgħaxija, meta poġġiet kururna quddiem il-Monument tal-Kristu Re. Jilqgħuha kien hawn is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

**2. *Update* – proġett ERDF**

Waqt l-item tal-porġett tal-ERDF, il-*Porject Administrator*, William Sultana daħal fil-kamra.

**Evalwazzjoni tar-Rapport tal-Bord ta' Aġġudikazzjoni:-**

**2.1 Avviż nru. 02/2014 – *Tender for the procurement, design, and installation of travertine interpretation panels and the procurement design and installation of accompanying Braille and tactile signage – Project ERDF 249 (Ref ERDF 249/02/14)***

Il-lista tal-offerti li ntefgħu għal dan ix-xogħol tinsab annessa f'dokument A. Peress li l-offerta mixħuta ma kienitx tinkludi kopja tad-dokument oriġinali (allura mhux *administratively compliant*) u kienet ukoll taqbeż il-baġit il-membri qablu li l-offerta tiġi kanċellata. Għandha tinħareġ offerta oħra li din id-darba tkun maqsuma bis-sistema tal-*Braille* għalija u t-*travertine panels* għalihom

**2.2 Avviż nru. 14/2013. *Production including filming, editing, translation and voice over of a 30-minute documentary about the Victoria Archaeological and Historical trail. (Ref. ERDF tend. 14/13)***

Ir-rapport tal-bord ta' aġġudikazzjoni jinsab anness f'dokument B. Il-membri tal-Kunsill qablu li jimxu mal-parir tal-bord u din l-offerta tingħata lill-*Motion Blur Ltd.* għall-prezz ta' €14,160.00.

**2.3 Avviż nru. 13/2013.*Design, development, implementation and hosting of an interactive website and virtual guided tours. (Ref. ERDF tend. 13/13)***

Ir-rapport tal-bord ta' aġġudikazzjoni jinsab anness f'dokument Ċ. Il-membri tal-Kunsill qablu li jimxu mal-parir tal-bord u din l-offerta tingħata lill-*Icon Studios Ltd.* għall-prezz ta' €10,537.40.

**2.4 Avviż nru. 12/2013. *Setting up of Wi-Fi hotspots in Victoria, Gozo – Project ERDF 249. (Ref. ERDF tend. 12/13)***

Ir-rapprot tal-bord ta' aġġudikazzjoni għadu ma tlestiex. Dan ser jitressaq fil-laqgħa li jmiss.

---

Il-membri ġew infurmati li x-xogħol fit-toroq iż-żgħar ser jibda wara l-festi tal-Għid. Fil-preżent qed jittieħdu l-livelli tat-toroq inklużi fil-proġett. Għaddejjin ukoll laqgħat mal-persuni nkarigati mill-porġett li għaddej fiċ-Ċittaddella, liema proġett qed jieħu ħsiebu l-Minsiteru għal Għawdex. Rigward it-Telgħa tal-Belt, din ser tinkesa bit-tarmac minn naħħa tal-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill għandu jgħarraf fil-persuni nkarigati mill-porġett taċ-Ċittadella li l-Kunsill għandu l-permess li din it-triq tinkesa bil-porfido.

**3. *Update – Playing Field***

Is-Sindku għarraf lill-membri tal-Kunsill li hu u s-Segretarju Eżekuttiv, nhar il-31 ta' Marzu 2014 iltaqgħu ma' Mario Gatt għan-nom ta' Gatt Tarmac Ltd. li kien akkumpanjat mal-avukat tiegħu. Dawn ressqu xi proposti sabiex iwaqqgħu l-appell li sar fuq l-proġett tal-*playing field*. Propsta minnhom kienet li l-Kunsill jirtira l-parti li għandu joħroġ Gatt fuq l-inċident li seħħ meta kienet qed tinbena Triq it-8 ta' Diċembru 1998. Is-Sindku spjega li billi din kienet deċiżjoni tal-Qorti, ma tistax issir. Il-membri qablu li l-Kunsill jara l-eżitu wara li jinstema l-kas fuq l-appell tal-*playing field* nhar it-Tlieta 8 ta' April 2014.

**4. Jum il-Belt Victoria**

Il-programm għall-Jum il-Belt Victoria ser ikun hekk:-
6 ta' Ġunju 2014 fi Triq Repubblika – *RockAstra*
7 ta' Ġunju 2014 fi Pjazza Indipenenza – *Leone Goes Pop*
8 ta' Ġunju 2014 fi Pjazza Indipendenza – Kunċert mill-Orkestra Filarmonika Nazzjonali
10 ta' Ġunju 2014 quddiesa fil-knisja ta' San Ġakbu li tiġi animata minn Rosabelle Pavia. Wara jingħata Ġieħ il-Belt Victoria fis-sala tal-Kunsill lill-E.T. Mons. Joe Vella Gauci.

Is-Sindku qal li sabiex intaffu ftit l-ispejjes il-kunċert minn mużiċisti Taljani ma jsrix din is-sena.

**5. Immaniġġjar tat-Traffiku – Korrispondenza**

*Transport Malta* (TM) ħarġet il-permess għall-

5.1 parkeġġ riservat għall-uffiċini l-ġodda ta’ Nutar tal-Gvern fi Triq ta’ Wara s-Sur. Is-senjaletika għandha tkun hekk:- *Keep Clear Bay During office Hours only*, *Unrestricted Parking Remaining Hours.* Korrispondenza relatata intbgħatet mid-Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn qed jitlob li l-istess parkeġġ ikun riservat mhux biss għall-uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern, iżda wkoll għall-uffiċċini tal-*Land Registry* u l-*Public Registry*. Dan peress li dawn l-uffiċċji jinsabu fejn xulxin. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;

5.2 *one metre double yellow line* fil-ġnub tal-garaxx ta’ 76, Triq tal-Far;

5.3 *one metre double yellow lines* fuq iż-żewġ naħħat tal-garaxx ta’ ‘Kerstein Marie’, Triq Santa Martha;

5.4 *No Entry Except for Access* fi Triq Sant’ Indrija kantuniera ma Triq Palma;

5.5 *bollards u double yellow lines* fid-daħliet tal-ġnien ta’ qasam San Ġorġ.

Ser jintalabu l-permessi ta’ TM għall-

5.6 *one metre single yellow lines* biswit il-garaxx ‘Ta’ Karlu’, Triq Dawwara;

5.7 *one metre single yellow lines* biswit il-garaxx ‘Lina’, Triq Pawlu Portelli;

5.8 *un/loading* quddiem il-ħanut *Tutto Casa*, fi Triq San Ġużepp Labre’;

**6. Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

6.1 il-Kunsill Lokali ta’ Kerċem fuq proposta sabiex isir proġett fuq ir-riħ tal-Lunzjata fejn hemm il-konfini ta’ bejn ir-Rabat u Kerċem. Il-membri qablu ma dan il-proġett li ser jiġi ffinanzjat mill-Kunsill ta’ Kerċem;

6.2 l-*English Speaking Union* fejn tressqu proposti sabiex fis-sajf isiru *sessions* ta’ *story telling* lit-tfal fil-Librerija Pubblika ta’ Pjazza San Franġisk. Dawn il-propsoti kienu tressqu

waqt laqgħa li saret nhar il-Ġimgħa 29 ta’ Marzu 2014 fil-bini tal-Kunsill. Għal din il-laqgħa attendew rappreżentanti minn din il-*union*, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-membri tal-Kunsill qablu li l-Kunsill għandu jgħin fil-loġistika sabiex ikunu jistgħu jiġu organiżżati *sessions* ta’ *story telling* matul ix-xhur tas-sajf;

6.3 is-Soċjeta’ Filarmonika Leone rigward gabbani li jbiegħu il-ġelat fi Pjazza Indipendenza fil-festa ta’ Santa Marija. Qed jintalab li tnejn minn dawn il-gabbani jiġu spostjati f’postijiet oħra qrib Pjazza Indipendenza. Dan sabiex jitgawda iżjed l-armar tal-festa. Billi s-Soċjeta’ filarmonika Leone torganiżża l-festi esterni ta’ Santa Marija, il-membri tal-Kunsill qablu li jsir kif qed titlob din is-Soċjeta’;

6.4 Clint Camilleri li talab permess sabiex jintuża l-grawnd Leli Farruġia għall-attivita’ politka nhar is-Sibt 17 ta’ Mejju 2014. Bħal-talbiet oħra li jirrikjedu l-użu ta’ dan il-grawnd, l-applikant għandu jġib n-*no objection* tat-tlett klabbs tal-futbol qabel jinħareġ il-permess tal-Kunsill;

6.5 Aaron Camilleri li talab permess sabiex fil-*weekends* ibiegħ ikel u xorb minn trukk/*kiosks* fil-parkeġġ il-kbir ta’ wara l-*Bus Terminus*. Billi din it-talba qed isir fuq *area* li kienet tintuża minn sid ta’ gabbana oħra u fil-preżent dan m’għadux jarma, il-Kunsill qed jitlob li l-applikant iġib *no objection* mingħand min kien juża dan il-post qabel;

6.6 George Camilleri għan-nom tal-grupp *BrassTubes* fejn il-Kusnill ġie mgħarraf b’dan il-*brass ensemble*. Il-Kusnill ser jieħu nota ta’ dan;

6.7 Giovanni Zammit rigward il-passaġġ ta’ bejn Triq Kerċem u Triq Wied il-Lunzjata. Fost punti msemmija fil-korrispondenza, ġie nnotat n-nuqqas ta’ dawl f’din it-triq. Il-membri qalbu li jerġa jitpoġġa d-dawl li kien tneħħa proviżorjament sakemm inbena l-bini ġdid;

**7. Materji oħra**

Il-membri qablu li:-

7.1 jsir *railing* li jkun jista’ jinqala quddiem 12, Triq Aġius de Soldanis;

7.2 tinfetaħ linja oħra tat-telephone li minnha jkunu aċċessibbli t-telefonati fuq linji tal-mowbajl. Dan peress li mill-uffiċju tas-Segretarju Eżekuttiv qed jinħadem ix-xogħol tal-proġett tal-ERDF;

7.3 titranġa r-rampa li hemm quddiem il-ħanut *Fesco* fi triq Palma. Din ir-rampa hi perikoluża u ser tineħħa u tikompla bħal bqija tal-bankina;

7.4 għall-Jum il-Premjazzjoni tal-iskola Primarja tar-Rabat tingħata €100 f’kotba;

7.5 jinħareġ permess ta’ *One Day Event* lill-*Emergency Response & Rescue Corps* għall-attitivata’ ta’ *fund raising* nhar is-Sibt 3 ta’ Mejju 2014 fil-parkeġġ ta’ biswit l-Arkadia;

7.6 l-ħorża tal-ilma li hemm fi Triq Kerċem jintalab li titneħħa peress li tinsab f’nofs il-bidu ta’ passaġġ u jekk dan mhux possibbli din tiġi mkaħħla u rranġatha;

Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-preżenti li :-

7.7 l-i*sponsor* ta’ €1,475.00 mingħand il-Coca Cola għall-attivita’ ta’ lejliet l-ewwel tas-sena ġew miġbura;

7.8 ġiet sottomessa applikazzjoni *A+Accessibility Award 2014*, skema li tippromwovi l-ugwaljanza u d-diversita’ mnhedija mis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilita u Anzjanita’ Attiva;

7.9 nħarġet sejħa mill-Gozo Action Group fuq *Action 413.6 – Festivals and Events 2nd Call*.

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

7.10 l-bankini taż-żewġ kantunieri ta’ Triq Wied is-Seqer ma Triq Forn il-Ġir ser jitwessgħu it-tnejn għat-tond. Dan sabiex ma jkunx hemm periklu kkaġunat mill-vetturi tqal x’ħin jiksru għal Triq Forn il-Ġir.

7.11 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta’ April 2014 skont dokument D anness.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.30 u laqgħa oħra ser issir nhar il-15 ta’ Mejju 2014 fis-18.00.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |